

# Sena ta' ħidma

**Clayton Vella**
*Direttur*



Għaddiet sena oħra u erġajt ninsab hawn nikteb żewġ versi għall-magażin li l-għaqda tagħna toħroġ ta' kull sena għal żmien il-festa ta' Marija Bambina. Din is-sena hija ta' stennija għal kulħadd għax wara sentejn ma ssirx festa, din is-sena erġajna lura għan-normalità. Iżda huwa veru li erġajna kollox għan-normal? Wara sentejn tista' tgħid kollox wieqaf, għad hemm dik il-ħeġġa li kien hemm qabel? Inħalli lilkom taħsbu ftit u tirriflettu fuq dan.

Matul din l-aħħar sena x-xogħol fil-każin ma waqaf xejn, anzi nista' ngħid li kienet sena mimlija daqs bajda għax kellna diversi proġetti qed isiru fl-istess ħin. Dan għax kellna xi proġetti li minħabba l-pandemija waqgħu naqra lura u oħrajn ġodda li ġew fl-istess ħin minħabba li parti minn dawn il-proġetti jkunu taħt xi skema u għalhekk tkun marbut bi żmien meta trid tlesti. Se nagħti naqra rendikont ħafif tax-xogħlijiet li saru f'din l-aħħar sena.

L-ikbar proġett għal din is-sena nista' ngħid li kien it-tqegħid tal-lavur tas-sular tan-nofs biex ikompli jikkumplimenta mal-lavur tal-ġebel li kien sar fis-snin preċedenti. Hekk kif għalqet il-wirja 'Iċ-Ċaħda' mtellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ, ingħata bidu għal dan ix-xogħol. Dan il-proġett kien jirrikjedi li jintrama scaffolding fit-taraġ biex jkun jista' jsir ix-xogħol ta' twaħħil tal-lavur kif ukoll dak taż-żebgħa. Sar ukoll ropelight mad-dawra kollha biex jikkumplimenta max-xogħol. Kif jgħidu l-ftira sħuna tajba, u hekk kif kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet inqala' benefattur li għoġbu jirregala linfa lill-każin biex jinbidel id-dawl li kien hemm preżenti u din tiġi tikkumplimenta iżjed l-istil tal-post. Dan kien jirrikjedi iżda li ssir toqba fuq il-bejt biex inkunu nistgħu ngħaddu katina ġdida għal isfel u hekk il-linfa tkun tista' tinżel u titla' bla problemi f'każ li jkollha bżonn xi manutenzjoni. U kif kellna l-armar biex żarmajna, tellajna l-linfa l-ġdida, ir-ružun ġie miżbugħ kulur il-ġebla. Ġew ordnati wkoll sett ta' purtieri ġodda peress li dawk preżenti ma jikkumplimentawx mal-istil il-ġdid.

Proġett ieħor li kien għaddej matul din is-sena u li tista' tgħid imxejna sew fuqu taħt l-iskema "Small Initiatives Support Scheme" huwa d-diġitalizzazzjoni tal-mużika kif ukoll sistema ġdida ta' filing għall-mużika. Tneħħa l-ixkaffar antik fil-kamra tal-arkivju u saru oħrajn ġodda sabiex ikunu jistgħu jilqgħu fihom b'mod aħjar il-mużika. Il-problema ta' spazju dejjem kbira u għalhekk ħadna l-opportunità u għamilna raff fl-istess kamra biex nerfgħu affarijiet li ma tantx jintużaw. Barra l-vetrini ġodda għal filing tal-mużika, inxtraw ukoll kaxxi ġodda biex il-mużika tiġi preservata kif suppost. Biex isir l-iscanning kollu tal-mużika nxtara kompjuter ġdid kif ukoll scanner. Dawn se jitpoġġew fl-istess kamra u saret mejda ġdida biex il-kamra tkun organizzata kif suppost.

Hekk kif tgħaddi l-festa se jitkompla x-xogħol ta' lavur fuq il-bibien t'isfel. Il-ħsieb kien li dawn ikunu lesti sal-festa, iżda minħabba ċirkostanzi illi ma kellniex kontroll fuqhom, dan ma sarx. Hemm proġetti oħra li se jibdew wara l-festa, iżda fuq dan se nħallikom bil-kurżità. Minn hawn nagħmel appell lil min jixtieq jgħin finanzjarjament jew permezz tax-xogħol volontarju sabiex ikellem lil xi membru tal-kumitat. Dan se jkun proġett kbir fis-sular t'isfel tal-każin.

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet maġġuri illi saru din is-sena, jew li se jkunu qed isiru sal-aħħar tas-sena. Kif wieħed jista' jara, ix-xogħol ma jsirx biss matul il-ġimgħa tal-festa, kif forsi hemm min jaħseb, iżda matul is-sena kollha.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha, lil sħabi tal-kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni u nħeġġiġkom biex fil-festa tgħaddu sal-każin ħalli wieħed jkun jista' jara b'għajnejh ix-xogħol li sar matul is-sena.